# anestesija

*X'tiswa qatt lill-Kotra għajjiena*
*l-għanja li semmajtha jiena?*
*Għall-marid mhux Poeżija*
*imma serħ t'Anestesija*

*RUŻAR BRIFFA*

**Jieħdu sehem**

Beppo il-Buffu
Tifel
Mara
Raġel
Gwardjan
Chin Lee
Tal-Ġelati
Tas-Sold Xelin
Tal-Luna Park
Raġel fil-Folla
Raġel tat-Tfigħ taċ-Crieki
Leħen

---

*Ixxandar għall-ewwel darba fuq is-servizz Nazzjonali tar-Rediffusion nhar it-28 ta' Awissu 1969.*

*Fis-27 ta' Settembru, 1972 ANESTESIJA inhadem bħalha teledramm fuq l-MTV b'dawn l-atturi:
John Suda ( Il-Buffu), Catherine Bartolo Pulis (it-Tifel), Marlene Psaila (il-Mara), Alfred Mallia (ir-Raġel),
Joe Zammit Cordina (Gwardjan,Tas-Sold Xelin, eċċ.)
Direzzjoni u Produzzjoni:
ALBERT MARSHALL*

# anestesija

---

*Mużika ferrieħa taċ-Ċirku. Folla ċċapċap. Żomm għal ftit, imbagħad baxxi l-ħsejjes.*
*Bieb jinfetaħ b'tisbita.*

TIFEL*(nifsu maqtugħ):* Mummy! Mummy! Ġejjin, Mummy!

MARA: Issabbatx dak il-bieb, Johnny! Newwilli ftit ix-*shampoo.*

*Ilma jgelgel minn vit.*

TIFEL: Imma Mummy, ejj'ara! Waslu taċ-Ċirku! Waslu, Mummy! U mlew it-triq kollha! U għandhom ħafna annimali, Ma! Kieku taf: hemm iljuni, żwiemel, iljunfanti, xadini!... Ejj'arahom, Mummy!

MARA: Iva bil-mod; tgħajjatx! Għedtlek newwilli dak ix-*shampoo*, ma smajtx?

TIFEL *(jitbiegħed - jersaq lejn it-tieqa):* Hemm arahom, Mummy. Minn dit-tieqa tista' tarahom. Imma għaġġel - dalwaqt jgħaddu.

MARA: Tiftaħx dik it-tieqa, John, ma tmurx ittini riħ wara dal-misħun! Fejn hu x-xugaman?

TIFEL: Waslu taħtna! Hemm żewġt iżwiemel jiġbdu l-gaġġa ta' l-iljuni.

MARA: Daħalli s-sapun f'għajnejja. - Fejn hu x-xugaman?

TIFEL: U hemm, ma' għonqok qiegħed, Mummy! - Tnejn hemm arahom!

MARA: Tnejn?

TIFEL: Iljuni, Mummy! Hemm tnejn!

MARA: Għajnejja! Ma nistax nara! Fejn hu dak ix-xugaman?

*It-tieqa tinfetaħ. Jogħlew il-mużika u l-għajat tal-folla.*

TIFEL: Iva ejja ara, Mummy!

MARA *(irrabjata):* M'għedtlekx tiftaħx dik it-tieqa, John?

TIFEL: Bexxaqtha biss, Ma. *(Jidħak)* Ħares, ara xi ddur miegħu n-nies dak ir-raġel! Kemm hu liebes taċ-ċajt! *(Jidħak)* U x'jaqbeż u jdoqq! Arah, Mummy! Kollox waħdu jdoqq: it-tanbur, it-trumbetta... u z-zinnannati wkoll! X'jidħku bih!
*(Għajta ta' żuffjett mill-folla)*
Rajthom, Ma?! Tawh gambetta. Tkaxkar minn tulu fl-art fit-trab! Imma xorta għadu jidħak. Dak il-Buffu hux, Ma? Taf li għandu umbrella f'idejh ukoll? U lanqas biss tidher sħaba waħda fis-sema!

MARA: Idħol minn hemm, John!

*Fit-triq. Għajat u ċapċip tal-folla issa qrib sew.*

RAĠEL FIL-FOLLA: Iżjed, Buffu! Bravo, iżjed!

BUFFU: Iva, ħej, ejjew! Kemm aħna sbieħ min jaf jarana! Wasal iċ-Ċirku! L-akbar u l-uniku - iċ-Ċirku Terros! Ejjew u araw is-seba' għeġubijiet tad-dinja, sinjuri! Tarawhom iżda le temmnu lil għajnejkom
*(Folla - Ċapċip - Tisfir)*
Hekk hu, sinjuri: is-seba' għeġubijiet tad-dinja!
*(Mota twila fuq tanbur)*
Araw, sinjuri! Araw lil Ergo, li sparat minn kanun jintbagħat jofroq l-ispazju u l-baħħ biex forsi jinżel ukoll fuq il-qamar!
*(Wara kull preżentazzjoni tal-Buffu, il-folla ċċapċap u tiżżuffjetta.)*
Araw lil Esmeralda, il-mara ħoxna bil-baffi li tiekol kemm tiekol ma tixba' qatt!
Il-Fakir Krixna: ix-xwejjaħ li jgħaddi għomru fuq sodda msiemer u xfafar - bla qatt ma jiekol!
U araw lill-inkredibbli Carlos Chè jitfa' s-skieken madwar

bintu - b'għajnejh imgħammdin il-ħin kollu!

Il-Professur Leikus u t-tliet pappagalli tiegħu, jitkellmu b'ħamest ilsna bla qatt ma jaslu biex jiftiehmu!

U dak mhux kollox, sinjuri! Araw lil Odongo l-Iswed, hekk imsejjaħ 'I-Imxekkel', li marbut minn rasu sa saqajh bil-ktajjen, xorta waħda jinħall!

*(Iż-żuffjett tal-folla fl-aqwa tiegħu.)*

Iva, sinjuri! Araw ukoll l-aktar spettaklu sensazzjonali tas-seklu għoxrin! Araw lili: Beppo l-Buffu! Iva, Beppo l-Buffu, li meta jiftaħ ħalqu jwaqqa' t-tinda l-kbira bid-daħk! Jien - Beppo! Li meta naqla' fuq dahri u tkaxkarni n-nies fit-trab, tidħak in-nies, imma għaġeb ta' l-għeġubijiet, nidħak jien ukoll! Iva, saffru u idħku! Għax issa ġejjin huma - ġejjin Naga u Hiro - l-iljuni, sinjuri!

*(Id-daħk tal-folla jibda jiskot bil-mod il-mod.)*

L-iljuni feroċi mill-muntanji tar-Rockies u ta' l-iSteppi: il-biża' ta' ħames kontinenti - Naga u Hiro, immansati *(jidħak)* - immansati, sinjuri! - min-Nanu Argo, hekk imsejjaħ "Il-Murtal"!

*(Jidħak, iżda malajr jintebaħ bis-sikta li issa waqgħet fuq il-folla. Jieqaf mid-daħk. Pawsa.)*

X'ġara? Għaliex dil-ħemda? Ma smajtunix? Għedtilkom qed taraw lil Naga u Hiro; ċapċpulhom!

*(Tkarwit ta' l-iljuni.)*

Isimgħuhom! Naga u Hiro qegħdin hawn - hawn biex jgħaġġbukom bil-logħob tagħhom. M'intomx taraw xi jduru wara l-ħadid, għajnejhom jarmu x-xrar? Nitlobkom ċapċpu; qed jistennew iċ-ċapċip tagħkom! *(Jidħak, iżda leħnu miksur)* Ċapċpu mela nitlobkom, sinjuri! Ejjew, ċapċpu miegħi lkoll! *(Iċapċap)* Flimkien! Flimkien!

TIFEL *(mill-bogħod):* Bravu l-Buffu! Bravu! *(Iċapċap)*

BUFFU: Hekk! Isaw, ċapċpu, ċapċpu boloħ - flimkien!

*Tkarwit ta' l-iljuni - jibda ċ-ċapċip mill-folla.*

BUFFU: Hekk mela! Aktar! Aktar! Ċapċpu boloh! Boloh - u jien il-buffu mhux anqas minnkom! Ċapċpu!

*Tkarwit ogħla ta' l-iljuni. Iċ-ċapċip jiżdied dejjem aktar.*

BUFFU: Iżjed! Iżjed! Sakemm idejkom ma jifilħux aktar - sakemm widnejkom jittarrxu u ma jisimgħux aktar l-għajat ta' l-iljuni. Ċapċpu - sakemm raskom iddur bikom u ma tarawx aktar ix-xdieq imberrħa tagħhom! Ċapċpu! Wasal iċ-Ċirku Terros - l-isbaħ u l-aqwa! Ejjew arawna! Kemm aħna sbieħ min jaf jarana! Kemm aħna sbieħ min jaf jarana!

*Ċapċip u għajat sfrenat mill-folla.*

*Mużika taċ-Ċirku.*

*It-triq tibda titbattal, il-ħsejjes jitbiegħdu.*

TIFEL (*jitkellem waħdu - jaħseb):* Kulħadd jidħak issa - kulħadd iċapċap. Kollha jimxu wara l-Buffu jċapċpu u jidħku. Ħadd ma jagħti kas aktar ta' l-iljuni jiggranfaw u jgħajtu wara l-ħadid tal-gaġġa. *(Lill-MARA)* Imma għaliex waqfu miċ-ċapċip, l-ewwel, Ma?

MARA: X'ġara? Għalfejn dak l-għajat kollu?

TIFEL: Ridtek tara lil-taċ-Ċirku għaddejjin.

MARA: Ħa nara. Fejn?

TIFEL: Issa marru; telqu wara l-Buffu. It-triq battala. Kulħadd mar maċ-Ċirku.

MARA: Mela għalfejn dal-qabda għajat?

TIFEL: Kieku ġejt l-ewwel kont tarahom...

MARA: Ara, idħol minn hemm. Żgur imbukkajt riħ minħabba fik. *(Tagħlaq it-tieqa)* Għedtlek kemm-il darba biex ma tiftaħx dik it-tieqa.

TIFEL: Aħna sejrin iċ-Ċirku, Ma?

MARA: Ma naħsibx li ħadtu iżda; kelli x-xugaman ma' rasi...

TIFEL: Jien għandi ħames xelini mġemmgħin. Tgħid biżżejjed?

MARA: Biżżejjed? Għalfejn - biex tidħol iċ-Ċirku? *(Tidħak)* M'hemmx għalfejn flus biex tidħol, ruħi. Dħul b'xejn.

Kulħadd b'xejn jidħol.

TIFEL: Il-kbar ukoll?

MARA: Kulħadd.

TIFEL: Mela l-lejla mmorru Ma, hux?

MARA: Iva, imm'issa ejja aħsel idejk ħa nieklu. Missierek dalwaqt jiġi.

TIFEL: Hu jiġi ċ-Ċirku magħna wkoll, Ma?

MARA: Dażgur, m'għedtlekx? Kulħadd jiġi u kulħadd b'xejn.

*Dik il-lejla.*

*Iċ-Ċirku.*

*Mużika ferrieħa tal-Luna Park.*

LEHEN FUQ LOUDSPEAKER: B'xejn sinjuri! Dħul b'xejn! *Entrez, mesdames et messieurs! Entrez!* Nistidnukom tidħlu lkoll u merħba bikom fil-familja kbira tagħna: iċ-Ċirku Terros - l-aqwa u l-akbar! Żuru kull tinda, kull rokna taċ-Ċirku! Qatt ma rajtu xejn isbaħ, xejn aqwa! U kollox b'xejn, sinjuri! Dħul b'xejn!

*(Mużika togħla u terġa' tinżel. Il-folla.)*

*Entrez, mesdames et messieurs - entrez!* Nistidnukom tidħlu lkoll u merħba bikom fil-familja kbira tagħna: iċ-Ċirku Terros - l-aqwa u l-akbar! Żuru kull tinda, kull rokna taċ-Ċirku...

*Iż-żarżir tal-LEHEN jinbela' u jintilef taħt il-mużika u l-ħamba tal-folla.*

MARA: Qed tara; ġejna tard. Ara x'hawn tan-nies.

RAĠEL: Imma ħanini, mhux tort tiegħi naqasni l-petrol. Xi trid tagħmel la l-arloġġ tal-petrol ma jaħdimx.

MARA: U int ilek tgħid biex issewwih!

RAĠEL: Tassew, xi darba rrid nara x'għandu sew. Biss il-karozza nibża' neħodha għand mekkanik; jekk jibda jaqla' fiha bħal xejn isibli elf ħaġa oħra li m'hix taħdem kif suppost taħdem... Biss biss hemm li *sparking plugs* ilhom li nħarqu u ma niskantax jekk dak id-*distributor...*

MARA: Insieha ftit dik il-karozza, trid? Aħna biex niddevertu ġejna hawn. Int John żomm miegħi, ma tmurx tintilef.

TIFEL: U le, Ma! Fejn se mmorru l-ewwel, Pa?

RAĠEL: Żomm magħna int. *(Waħdu)* Imma li *sparking plugs* żgur inħarqu...

*Il-folla.*

TAL-ĠELATI: Ġelati! Ġelati! Ġelati!

TIFEL: Daddy, Daddy, ixtrili wieħed!

RAĠEL: Issa nixtru; ħa jiġi 'l hawn.

MARA: Aħjar le, Ġorġ. Griżmejja ma nafx kif qed inħosshom. Żgur ġej xi riħ.

RAĠEL: Mela ma nixtrux, ħanini.

TIFEL: Imma, Daddy!...

RAĠEL: Aħjar le, Johnny.

TAL-ĠELATI: Ġelati! Vanilja - ċikkulata - frawli! Ġelati min irid!

TIFEL: Imma jien m'għandix riħ, Daddy!

RAĠEL: Aħjar le imma, ibni.

TIFEL: Jien tal-vanilja nħobb.

MARA: Tibdiex tiffittana, John. Ma smajtux id-Daddy x'qallek? Trid tieħu xi riħ?

*Pawsa. Il-folla.*

TIFEL: Jien tal-vanilja rrid.

MARA: Għalija taċ-ċikkulata.

RAĠEL: Jien nieħu wieħed tal-...

TAL-ĠELATI *(issa qrib):* Ġelati, sinjuri?

RAĠEL: Wieħed vanilja u tnejn ċikkulata, jekk jogħġbok.

TAL-ĠELATI: Kif tgħidli sieħeb. Hawn; tliet xelini, Chalie!

RAĠEL: Grazzi. Hawn, żomm.

TAL-ĠELATI: Grazzi! *(Jitbiegħed)* Ġelati min irid! Vanilja, ċikkulata, frawli! Ġelati!

*Pawsa.*

TIFEL: Hi, Daddy! Mummy! Dan mhux tal-vanilja! Dan tal-lewż morr! Tagħkom ukoll tal-lewż morr!

MARA: Tal-lewż morr tajbin xorta. Mhux veru jkunu morri.

TIFEL: Imma aħna ħadd ma ried tal-lewż morr!

RAĠEL: Tgħidx ħmerijiet; isa kulu.

TIFEL: Anqas biss qalilna li kellu tal-lewż morr. Kieku forsi kont ngħidlu jtini wieħed. Issa - issa ma rridux!

*Mużika tal-Luna Park.*

TIFEL: Hawn aktar nies hawn! Ara, Daddy, Mummy! Ejjew nitilgħu! Kemm huma sbieħ dawk iż-żwiemel iduru! Għandhom xagħar ta' veru - arah xi jperper mar-riħ! Ejjew nitilgħu aħna wkoll, Ma!

RAĠEL: Dawk m'humiex ħlief żwiemel ta' l-injam miżbugħin, ruħi.

TIFEL: Imma qishom veri, hux? Isbaħ minn ta' veru anzi. Ta' veru jkunu kbar u għajjiena - u jkollhom riħa! Bħal ta' Żeppi tal-ħaxix; dak għandu żiemel ikreh u xiħ! Ma nħobbhomx iż-żwiemel jien.

RAĠEL: Mela xi trid titla' tagħmel fuq dawk?

TIFEL: Imma dawk sbieħ, mhux bħal ta' veru, Pa. Ejjew nitilgħu trid, Ma?

MARA: Issa nitilgħu; toqgħodx tiffittana! Nistennew ir-rota tieqaf u nitilgħu.

RAĠEL: Nittama ma jħalluhiex iddur ħafna. B'xejn taqbadni l-emikranja.

*Il-mużika titbaxxa. Il-ġostra tieqaf.*

TIFEL: Issa, Daddy! Ser jieqfu! Ejjew!

*Terġa' togħla l-mużika. Id-daħk tal-folla hekk kif il-ġostra terġa' tibda ddur - jinstemgħu ċari r-RAĠEL u l-MARA jidħku.*

TIFEL *(leħen impersonali):* U r-rota reġgħet qabdet iddur; l-ewwel bil-mod, imbagħad aktar u aktar. Kollox idur. Sakemm it-tifel ma setax jagħraf 'l ommu u 'l missieru fuq iż-żiemel tiela' u nieżel quddiemu. U l-ġostra ddur iddur.

Kollox ċappa waħda - iddur, iddur. Uċuħ bojod, somor, safranin jitħalltu ma' ilwien qawsalla ta' lbies u tined - in-nies jinbelgħu mit-tidwir ta' ċappa waħda griża, battala. U l-ġostra tkompli ddur - dejjem iddur.

*(Mużika aktar mgħaġġla. Daħk imwerwer mill-folla.)*

Iddur, iddur! Id-demm jitla' għal rasek, għajnejk idemmgħu, trid tistordi u ma tistax, iggranfat ma' għonq ta' l-injam. Imma ħadd ma jrid jinżel - jew ħadd ma jista' jinżel? Jibqgħu jduru, ma jafux jekk wara kollox huwiex kollox wieqaf - huma wkoll... Imma jekk tagħlaq għajnejk il-mużika tkompli tnewwaħ. U sakemm il-mużika ma tieqafx, il-ġostra tkompli ddur - iddur - dejjem iddur. *(Leħen ħaj)* Imma kemm se ndumu nduru u ma naslu mkien? Mummy! Daddy!

*Mużika u daħk mill-folla.*

TIFEL: M'humiex jisimgħuni. Il-mużika m'hemmx li tieqaf... Le! Qed nibża' - ma nistax nieħu nifs; qed nifga'! Mummy! Irrid ninżel! Irrid ninżel!

*Daħk sfrenat mill-folla.*

Ieqfu! Ieqfu! Waqqfu r-rota! Ma niflaħx iżjed! Mummy, Daddy! Irrid ninżel! Irrid ninżel!

*Il-mużika u daħk tal-folla jidfnulu leħnu - Żomm.*

*Il-mużika titbaxxa bil-mod.*

RAĠEL TAL-LUNA PARK: Hawn, ħa tifel. Ixrob dan. Għaddielek issa?

TIFEL: Fejn marru?

TAL-LUNA PARK: Min?

TIFEL: Il-Mummy u d-Daddy.

TAL-LUNA PARK: Fejn kienu?

TIFEL: Miegħi, fuq dik ir-rota.

TAL-LUNA PARK: Forsi għadhom hemm.

TIFEL: Ma jafux li ħassni ħażin?

TAL-LUNA PARK: Jista' jkun. Int stenniehom hawn. Dalwaqt

jiġu forsi. Jien għandi x'nagħmel; irrid nieħu ħsieb il-Luna Park. Int iżda tiċċaqlaqx minn hawn; stenna u tagħmel xejn - u xejn ma jiġrilek! *(Jidħak)* Qatt ħadd ma weġġa' fuq il-Luna Park. Tibża' għal ftit iżda meta tinżel tinsa kollox u tkun trid terġa' titla'. *(Jidħak)*

TIFEL: Imma jien għadni nħoss rasi ddur bija. Qed nara kollox idur. Jew jien? Jien qed indur jew kollox madwari qed idur?

*(Tibda l-mużika tal-Luna Park)*

Iva - kollox għadu jdur. Ħadd ma jagħti kasi.*(Jgħolli leħnu)* Lilkom qed ngħid! M'intomx tarawni? Ma rajtunix hemm fuq? Kien qed iħossni ħażin; stajt waqajt minn hemm fuq - stajt ħbatt rasi - bqajt mejjet! Ħadd ma jimpurtah?

TAL-LUNA PARK (*jidħak)*

*Mużika u l-għagħa tal-folla bħal qabel.*

TIFEL *(waħdu):* Ħadd. Ħadd ma jimpurtah.

*Pawsa. Togħla l-mużika.*

TAL-LUNA PARK (*isejjaħ - dejjem daħkan):* Hej, tifel! fejn sejjer? Tiċċaqlaqx minn hawn u ma jiġrilek xejn! Fejn sejjer?...

*Fil-qalba tal-folla.*

TIFEL *(impersonali):* Imma t-tifel baqa' sejjer. Ra l-folla tingħalaq fuqu, tross madwaru, trid tifgah. Daħkulu iżda, u tbissmulu. Imma ħadd ma staqsieh għaliex kellu għajnejh ħomor u minfuħin, jew lil min qed ifittex. Kaxkruh magħhom minn tinda għal tinda fejn nies iċ-Ċirku kienet titbellah u titbahrad. Waqaf sa fl-aħħar u sab ruħu quddiem palk żgħir imdawwar min-nies. Raġel imbaċċaċ, wiċċu aħmar u għarqan kien fuqu, jgħajjat b'xi ħaġa - f'idejh biċċiet tal-karti kkuluriti u ħdejh tfajla rqiqa u niexfa, wiċċha maskra grotteska miżbugħa u dirgħajha madwar rutella żgħira fuq lasta mwaqqfa dritta.

*Tvenvin tar-rota ddur - ċenċil tal-qanpiena fuqha.*

RAĠEL TAS-SOLD XELIN: Tas-sold xelin! Tas-sold xelin! Tuni s-soldi, nagħtikom xelini! L-aħħar biljett, sinjuri! Ta' l-aħħar ibaħħar, ħej! Tas-sold xelin! Ta' l-aħħar min iridu ħej?... Hawn int, tifel; sold biss.

TIFEL: Jien?

TAS-SOLD XELIN: Tas-sold xelin! Sold biss, tifel. L-aħħar wieħed!

TIFEL: Imma jien...

TAS-SOLD XELIN: Sold biss! Tgħidlix m'għandekx sold!

TIFEL: Iva, għandi; imma...

TAS-SOLD XELIN: Ah! M'hawnx għalik! Ħa, ħudu - b'xortik! Grazzi - grazzi ħafna! *(Jgħolli leħnu fuq tal-folla)* U issa, sinjuri - indawruha! Fuq min tiġi jkun sultan! Arawha ħeej! Dawwar, bint!

*(Ir-rota ddur - ġenġil ta' qanpiena.)*

U hekk hu, sinjuri! Id-disgħa u sittin! Disgħa u sittin, sinjuri!

TIFEL *(jaħseb):* Disgħa u sittin... Sitta u disgħa!... Tiegħi! Iva, tiegħi! Irbaħt!

TAS-SOLD XELIN: Int? Ħa nara.

TIFEL: Hawn arah! Disgħa u sittin.

TAS-SOLD XELIN: Ġib ftit. Hmm, iva.... Imma stenn ftit, oj! Stenn ftit! Dan bil-maqlub. Mhux disgħa u sittin - dan sitta u disgħin! Hawn int, tifel - mela ma tafhomx in-numri, jew? Dan sitta u disgħin - mhux disgħa u sittin!

TIFEL: Kif? Le, stenna! Dak għax qed iżżommu int bil-maqlub! Dawru sewwa ħa tara.

TAS-SOLD XELIN: X'int tgeżwer?... Toqgħodx tħawwad, taf!

TIFEL: Dawwar il-biljett - qed iżżommu bil-maqlub. Dawru sew ħa tara!...

TAS-SOLD XELIN: Din isbaħ issa! Trid tgħid li jien ma nafx xogħli? Trid tgħid li qed inqarraq bik? Eh, dak li trid tgħid?

TIFEL: Le, imma...

TAS-SOLD XELIN: X'wiċċ tost! Ili għomri ndawwar ir-rota u ħadd ma insultani daqshekk! Ara min jgħallik ukoll!

ILĦNA FIL-FOLLA : Tassew! Mela ma tafhomx in-numri, tifel! Ara qis kliemek meta titkellem, taf! X'għarukaża! Fejn hi ommok int, eh?

TIFEL: Imma jien!... Dak tiegħi li tela'!

TAS-SOLD XELIN: U se jerġa' ukoll! Ara ibqa' sejjer, ibni, ma nsejjaħx pulizija! Ibqa' sejjer, aħjar!

TIFEL: Dak tiegħi imma qed ngħidlek! Tiegħi! Dawru ħa tara... Tini l-biljett ħa nurik!

TAS-SOLD XELIN: Issa ż-żejjed! Trid il-biljett, hux? Issa tieħdu...

TIFEL: Le - tqattgħux! Dak tiegħi!

TAS-SOLD XELIN: Hawn, ħa. Iġbor il-biċċiet jekk tridu. Issa forsi taqtagħha!

TIFEL: Le!

TAS-SOLD XELIN: Tagħtux kasu, sinjuri - dawn tfal huma. Mela - ta' min kien dak in-numru? Is-sitta u disgħin, sinjuri! Ta' min hu, eh? Sitta u disgħin!

TIFEL: Mhux veru! Id-disgħa u sittin kien li tela'! U tiegħi kien! Jien irbaħt! Tuni x-xelin! Tuhuli! Jien irbaħt!

*Mużika togħla. Daħk mir-RAĠEL TAS-SOLD XELIN.*

TIFEL: Ma setax kien hemm is-sitta u disgħin; 'qas biss kellu dak in-numru fuq ir-rota. Jidħku bin-nies iridu. U dak ir-raġel dejjem jidħak! U l-oħrajn - huma wkoll dejjem jidħku. Biex qed jidħak kulħadd?

*Mużika taċ-ċirku tkompli għal bosta waqtiet, imbagħad titbaxxa u titħallat ma' daqq nostalġiku ta' vjolin dejjem joqrob.*

TIFEL: Għajjien u mdejjaq it-tifel sa fl-aħħar imbeżaq minn ħdan il-kotra. U hu tbiegħed minn dak il-ġenn. Qabad in-niżla 'l isfel miċ-Ċirku, sakemm sab ruħu riesaq lejn

karavana mwarrba u mudlama mnejn daqq ta' vjolin imnikket kien jitniegħed fil-beraħ. Kien hemm raġel bil-qiegħda. U dak ir-raġel iwennes il-vjolin ma kienx qed jidħak. U kien il-Buffu. Hu biss ma kienx qed jidħak.

*Tinstema' fil-ħemda l-għanja tal-vjolin.*

TIFEL: Waħdu, fid-dlam iroxx fuq lejla ta' ġenn, il-Buffu kien jagħti dahru liċ-Ċirku mnejn l-għajat tal-folla kien jinstema' 'il bogħod, 'il bogħod. Iżda hu, il-Buffu, mingħajr ma jagħti kasu, kompla jdoqq il-vjolin - waħdu.

*Għana tal-vjolin.*

TIFEL: It-tifel resaq bil-mod.

*Il-vjolin jieqaf wara ftit.*

BUFFU *(żorr):* Min hemm?

TIFEL: Jien.

BUFFU: Int? *(Pawsa)* Int min?

TIFEL: Jien... Jien, Sur Buffu.

BUFFU: Oħroġ minn dak id-dell! Kif tridni narak? *(Pawsa)* Ah, huwa int.

TIFEL: Iva, jien.

BUFFU: M'hemm ħadd iżjed, hux?

TIFEL: Fejn?

BUFFU: Hemm, fid-dell, fid-dlam... mnejn ġejt int.

TIFEL: Le, ħadd. Jien biss.

BUFFU: Hmm. X'kont qed tagħmel mistoħbi hemm?

TIFEL: Xejn. Nisimgħek iddoqq jekk jogħġbok.

BUFFU: Jogħġobni. *(Pawsa)* Int jogħġbok?

TIFEL: Xiex?

BUFFU: Li ndoqq - jogħġbok jew le?

TIFEL: Iva, dażgur.

BUFFU: Tajjeb mela. *(Idoqq fuq il-vjolin għal ftit. Jieqaf ħesrem.)* X'inti tiskanta lejja?

TIFEL: Xejn - xejn, Sur Buffu.

BUFFU: Mela għalfejn qed tiskanta?

TIFEL: Għax irrid narak aħjar.

BUFFU: Tarani aħjar? Kif nista' nkun aħjar milli jien? *(Pawsa)* Tajjeb. *(Pawsa)* Issa - issa qed tarani? *(Pawsa)* Hekk aħjar, tkellem? Ersaqtlek għad-dawl issa. Għedtlek hekk aħjar?

TIFEL: Għax...

BUFFU: Qed terġa' tiskanta! Mela mmutajt issa? Tkellem!

TIFEL: Iva; aħfirli iżda...

BUFFU: Iżda xiex? Aqlagħha!

TIFEL: Għax int ... Int mhux il-Buffu.

BUFFU: M'iniex il-Buffu? Kif?...

TIFEL: Għax... tilbes bħalu kieku - dawk l-ilbies, il-kuluri kollha... kont ħsibtek il-Buffu. Imma issa li rajt wiċċek...

BUFFU: Wiċċi? X'għandu wiċċi?

TIFEL: Mhux bħal tiegħu - bħal tal-Buffu. Wiċċek imkemmex, xagħrek griż u għajnejk - għajnejk fil-ħofra!...

BUFFU: Iva. Fil-ħofra - għajjiena, il-ġilda stirata fuq ħuġbejn mgħaddma, ħalqi fetħa għerja fejn ma tleħħx id-daqka sfiqa ta' buffu...

TIFEL *(akkuża):* M'intix il-Buffu.

BUFFU: M'iniex. Il-Buffu wiċċu mfaqqa', aħmar, imnieħnru kbir qisu ċirasa misjura, ħalqu mċarrat f'daħka sfiqa permanenti; għajnejh - għajnejh kbar ileqqu jegħmżuk, xuxtu sewda, twila u tleqq b'elf kulur! Dak hu l-Buffu tassew. Għax il-Buffu lanqas ma jdoqq il-vjolin, bħali. Le; hu jdoqq it-tanbur, it-trumbetta u z-zinnannati - kollox idoqq il-Buffu, iżda mhux il-vjolin. Le, m'iniex il-Buffu jien.

TIFEL: Min int mela?

BUFFU: Jien? Tassew - mistoqsija f'waqtha - jien min jien? Min?... Eh, iva - jiena ħuh - ħu Beppo. Għalhekk nilbes bħalu. Ħuh jien.

TIFEL: Ħu Beppo? U Beppo fejn hu mela?

BUFFU: Beppo? Hemm - hemm ġew fil-karavana. Daħal

jistrieħ. Jistrieħ... Ma felaħx aktar għall-għagħa tal-folla. *(Pawsa)* Tridni ndoqq il-vjolin issa?

TIFEL: Il-vjolin?... Eh, iva - iva mela le,

*L-għanja tal-vjolin. Tieqaf wara ftit.*

*Pawsa.*

*Ħemda għajr għall-għana ta' l-iwrieżaq.*

BUFFU: Ma kontx qed tieħu gost tismagħni jaqaw?

TIFEL: Iva, dażgur.

BUFFU: Dażgur kont qed tieħu gost, jew dażgur ma kontx qed tieħu gost? Tigdibx taf, tifel!

TIFEL *(maħsud):* Ma gdibtx!

BUFFU: Tigdibx! Qatt tigdeb, qed tifhem! Mhux tassew li kont qed tieħu gost tismagħni ndoqq. Ħa nara; għidha.

TIFEL: X'ngħid?

BUFFU: Is-sewwa! Irrid nisimgħek tgħidha. Għid: ma kontx qed nieħu gost nisimgħek iddoqq! Għidha!

TIFEL: Ma kontx ... Ma kontx qed nieħu...

BUFFU: ...Gost nisimgħek iddoqq! Kompliha!

TIFEL: Ma kontx qed nieħu gost nisimgħek iddoqq, le!

BUFFU: M'hemmx għalfejn tgħajjat! M'għedtlekx għajjat jien!

TIFEL: Int qed tgħajjat issa. Jien għedt biss is-sewwa, kif ridt int.

BUFFU: Hmm. U għamilt sewwa. Hekk aħjar. Qatt tigdeb. Fittex dejjem is-sewwa. La tqarraq U lanqas tħalli lil min iqarraq bik. Imma għidli issa! - Għaliex m'intix tieħu gost tismagħni ndoqq? Isa, għidli - tibżax. Forsi - forsi għax jien m'iniex il-Buffu? Għalhekk? - Tagħmillix sinjali b'rasek! Tkellem - qatt tibża' tgħid is-sewwa. Trid 'il Beppo u mhux lili, hux hekk?

TIFEL: Iva, irrid 'il Beppo.

BUFFU: Sewwa - sewwa wisq. Titgħallem malajr int. Mela jien sejjer.

TIFEL: Sejjer?

BUFFU: Iva, sejjer fil-karavana. Mhux 'il Beppo ridt int? Tajjeb - issa mmur ngħidlu li qed tistennieh. Int ibq'hawn iżda; tiċċaqlaqx. U tipprovax tittawwal fil-karavana. Jekk tittawwal Beppo jisparixxi u ssib lili biss hemm ġew; lili biss, fhimt? Imbagħad żgur qatt ma taraħ aktar 'il Beppo. Qed tifhem, hux?

TIFEL: Iva. Nibqa' hawn.

BUFFU: U tittawwalx.

TIFEL: Le.

BUFFU: Tajjeb. Stenna ftit mela.

*Pawsa.*

TIFEL: Jitriegħed xi ftit fis-sirda tal-lejl, it-tifel qagħad jistenna barra l-karavana. Imma fuq l-għolja l-folla kompliet tidħak, tgħajjat u tixxala - kompliet il-lejl kollu, bħal ma għamlet l-iljieli l-oħra kollha ta' qabel u l-iljieli l-oħra li kienu għad iridu jiġu... Il-folla kompliet tidħak. U t-tifel stenna quddiem karavana magħluqa taħt qamar kwinta mdendel f'sema miżrugħ kwiekeb; stenna sakemm il-bieb infetaħ u l-iwrieżaq siktu.

*Frattarija ta' strumenti: trumbetta, tanbur, zinnannati.*

BUFFU *(daħka ħajja u ferrieħa):* Hawn jien! Kemm aħna sbieħ min jaf jarana, ħej! Kemm aħna sbieħ! Jien Beppo - il-Buffu!

TIFEL: Il-Buffu! Iva, int buffu tassew! Int Beppo!

BUFFU: Jien hu, kollu kemm hu - jew m'hux! Imma int lili trid tifel, hu? Mhux lil ħija. Arawni mela - jien il-Buffu! Wiċċi aħmar, imfaqqa', imnieħri kbir qisu ċirasa misjura, ħalqi mċarrat f'daħka sfiqa permanenti, għajnejja kbar ileqqu u jegħmżuk, xuxti sewda tqila u tleqq b'elf kulur. Xi whud jgħidu li dan kollu mhux għajr kartapesta kkullurita. Imma int temminhomx! Teminhomx, tifel! Jien il-Buffu! Issa qed tagħrafni hux, tifel?

TIFEL: Iva; int żgur il-Buffu!

BUFFU: Tabilħaqq! Jien hu! U lili ma tridnix indoqqlok il-vjolin, hux hekk?

TIFEL: Le, il-vjolin le, Sur Buffu.

BUFFU: Sur Buffu? U min qatt rah is-sur? Jien ħadd ma jsejjaħli "Sur" lili. Beppo - kulħadd Beppo jsejjaħli: Beppo biex inservik. Għidli, xi tridni nagħmel? Kull xewqa tiegħek hija kmand għalija, Prinċep Żgħir.

TIFEL: Tajjeb mela - Beppo. Taf x'nixtieqek tagħmilli - il-bużulloti. Bħal dalgħodu fit-triq.

BUFFU: Bużullotti? U mela le! L-għaxqa tiegħi il-bużullotti! Arani - tridni noqgħod fuq rasi - rasi 'l isfel u saqajja 'l fuq?

TIFEL: Iva! Iva!

BUFFU: Tajjeb. Ersaq ftit 'il hemm, eh. Irid ikolli ftit ta'-wisa' biex nieħu ġirja u naqlibha. Dawn l-affarijiet kumplikati taf, tifel - kumplikati ħafna! Trid bosta studju, kalkolu u meditazzjoni - imma l-aktar li trid tik-kon-ċen-tra! Aaaaħaaaah! Ikkonċentrajt biżżejjed! Mela, arani ġej: wieħed - tnejn - tlieta! Ooopsa!

*Storbju ta' strumenti tal-mużika jinqalbu.*

BUFFU *(kemmxejn imqanżaħ):* Hekk tajjeb, tifel? X'jidhirlek eh?

TIFEL: Kemm int taċ-ċajt!

BUFFU: Taċ-ċajt? Dażgur li taċ-ċajt! X'buffu nkun jekk ma nkunx taċ-ċajt, tajba din? Imma ħej, jekk nibqa' rasi 'l isfel tuġagħni l-qargħa. Din l-art iebsa wisq.

TIFEL *(jidħak.)*

BUFFU: Meta kont żgħir jien u sejjer l-iskola ħbatt rasi ma' pulizija oħxon liebes il-frakk u t-tomna, u ħej minn dak inhar rasi baqgħet tuġagħni.

TIFEL *(jidħak.)*

BUFFU: Tidħak, hux? Nieħu gost narak tidħak. Imma ħej ma nistax indum aktar hekk, tafx... Imma stenna ftit! Dan kif

int rasek 'l isfel, tifel?

TIFEL: Jien?

BUFFU: Iva, int! Lilek qed ngħid!

TIFEL: Imma jien m'iniex rasi 'l isfel!

BUFFU: M'intix? Imma int żgur? - Ara, ara! Ukoll il-karavana rasha 'l isfel... U dawk is-siġar - dawk in-nies hemm fuq - dawk ukoll rashom 'l isfel! Kollha kemm huma rashom 'l isfel u ma jafux!

TIFEL *(jidħak):* Kif ma jafux? Kieku rashom 'l isfel ma jħossuhiex tuġagħhom rashom kif tħossha int?

BUFFU: U huma jħossuha wkoll; iżda dawk jidħku biex jinsew! M'intix tismagħhom x'jidħku?

TIFEL: Għalhekk dejjem jidħku mela.

BUFFU: Għalhekk, l-imsejkna.

*(Pawsa)*

Dak x'inhu?

TIFEL: Dak? Għall-qamar qed tgħid?

BUFFU: Qamar? Tgħidx ħmerijiet! Jien isfel għedt, mhux fuq. Sakemm ma jkunx qamar fil-bir - kieku iva, jista' jkun isfel... Jekk tifhem xi rrid ngħid.

TIFEL: Imma dak il-qamar! U fuq qiegħed - fis-sema! Fis-sema!

BUFFU: Is-sema! Il-ġenna?

TIFEL: Is-sema!

BUFFU: X'kull waħda, x'kull waħda! Meta jew id-dinja kollha qed itiha tal-qamar - jew inkella l-qamar qed itih tal-qamar! Jew forsi - forsi jien rasi 'l isfel!

TIFEL: Imma int qiegħed rasek 'l isfel!

BUFFU: Jien? Iva bilħaqq, hux! Mela għalhekk qed tuġgħani rasi. Meta kont żgħir kont sejjer il-knisja u ħbatt rasi ma' pavaljun tal-festi mperreċ taħt sema ikħal imniġġeż bil-porvli tal-murtali, u ħej, minn dak inhar rasi baqgħet tuġgħani. U għadha tuġagħni... Jimporta jekk ma nibqax

rasi ’l isfel, tifel. Nixtieq nistrieħ ftit.

TIFEL: Mela le, Beppo.

BUFFU: Aaah! Hekk aħjar! Dan l-aħħar ma nafx x’qed itini - dejjem għajjien. Nikkonċentra wisq jien. Imma dan l-aħħar... infittex biss li nistrieħ. Naf li sempliċi buffu m’għandu ebda dritt jitlob li jistrieħ; dik waħda mil-liġijiet taċ-Ċirku. Imma ħej, kultant itini naħseb li min għamel il-liġijiet nesa li jekk noqgħod rasi ’l isfel l-imsejkna saqajja jkollhom joqgħodu hemm fuq fil-għoli. U jaħasra dawk iħossu l-frisk imsieken, hemm fuq. Ara - ara x’toqba għamel l-istrapozz fejn ħareġ jittawwal sebgħi l-kbir, miskin.

TIFEL: Iva, tassew! Qisu patata!

BUFFU: Iva, hux? Imma miskin dak ukoll iħossu l-bard.

TIFEL: Naf. Jien ukoll, meta l-Mummy tinsa ssewwili l-peduni u nsibhom imqattgħin aktar inħossu l-bard. U mhux f’saqajja biss.

BUFFU: Ċiss, qed tara miskin. Imma għidli ħaġa, tifel; x’jismek int?

TIFEL: Jien? Jisimni... Jismni... Ħa nara... Iva; jismni Eku! Eku!

BUFFU: Eku? Hu ftit stramb, hux? Ma tantx naf nies jisimhom Eku. *(Pawsa qasira)* Ma jismekx għalli jista’ jkun ...John, hux?

TIFEL: John? Kif taf?... *(Jieqaf)* Għaliex għandu jkun jisimni John?

BUFFU: Eh, għax naf ħafna tfal bil-peduni mqattgħin li jisimhom John. Xi wħud jisimhom Raymond. Int mhux Raymond jismek hu?

TIFEL: Le. Eku jisimni.

BUFFU: Mela - mela mhux Michael?

TIFEL: Le.

BUFFU: Lanqas Mario.

TIFEL: Lanqas.

BUFFU: Freddie?

TIFEL: Le!

BUFFU: Pawlu? Pietru? Ġużi?

TIFEL: Le, le u le! Jisimni Eku! Jiena Eku.*(Jidħak)*

BUFFU: Ħeqq, Eku mela. Tajjeb wisq. U la jismek Eku, ma jismekx, ngħidu aħna... Rumpilstiltskin?

TIFEL *(jieqaf mid-daħk):* Ruptils?...

BUFFU: Le, mhux hekk. *(Jirrepeti l-isem bil-mod)* Rumpil-stilts-kin.

TIFEL *(jipprova jidra l-isem):* Rum-pil-stilts-kin. Rumpilstiltskin! Iva, hekk jisimni! Rumpilstiltskin! Jiena Rumpilstiltskin!

BUFFU: Aħħa! Rajtx! Mela mhux John!

TIFEL: Le!

BUFFU: U lanqas Eku mela!

TIFEL: Le! Isbaħ Rumpis... Rumpilstiltskin! *(Jidħak)*

BUFFU *(jidħak miegħu):* Eh, deherli li tifel bil-għaqal bħalek ma setax jismek John - jew Eku. Inti tafha l-istorja tiegħu - ta' Rumpilstiltskin? Kien iħobb jiżfen u jkanta dak, miskin, u minħabba f'hekk, wara dak kollu li għamel magħha l-Prinċipessa ma żammitx il-wegħda tagħha. Kemm irrabja miskin Rumpilstiltskin. Ħadd iżda ma sema' bih aktar imbagħad. Tafha dik l-istorja, tifel?

TIFEL: Le, għidhieli, Beppo. Sabiħa?

BUFFU: Sabiħa? Le, m'hix sabiħa; qatt m'għoġbitni lili. Le, ma ngħidhielekx. Aħjar li ma tkunx tafha. Imma issa tridx indoqqlok it-tanbur - trid?

TIFEL: Ħa ndoqqu jien! U z-zinnannati wkoll!

BUFFU: Iz-zinnannati? Taf li meta ndoqq iz-zinnannati tuġagħni rasi lili?

TIFEL: Mela dejjem tuġgħek rasek int, Beppo?

BUFFU: Dejjem, għax meta kont żgħir...

TIFEL: Naf, naf! Meta kont sejjer l-iskola ħbatt rasek ma' pulizija tal-frak u meta kont sejjer il-knisja ħbatt rasek ma' pavaljun tal-festa. Naf, naf!

BUFFU: Taf? Dan kif taf, int?

TIFEL: Għax għedtli!

BUFFU: Jien għedtlek? Dan meta? Imma m'għedtlekx li meta kont sejjer niżżewweġ ħbatt rasi ma' tarbija werċa fi pram bla roti; dan m'għedtulekx, eh tifel?

TIFEL: Iva, għedtuli.

BUFFU: Għedtulek?

TIFEL: Dażgur li għedtuli. Għedtuli issa! *(Jidħak)*

BUFFU: Imma kemm jien ħmar! Taf li kont 'ġà nsejt? Lil dawk t'hemm fuq għedtulhom u nsew mill-ewwel. Imma dawk ma jħabblux rashom; jidħku, jogħlew, jixxalaw - x'ma jinsewx? Għaliex m'għandniex nagħmlu bħalhom aħna wkoll? Ninsew. Ejja mmorru, Rumpilstiltskin; ningħaqdu magħhom. Int trid tara ċ-Ċirku, hux hekk?

TIFEL: Iva, għalhekk ġejt mal-Mummy u d-Daddy. Iżda lil dawk tlifthom fil-folla. Niġi miegħek, imma jekk iżżommli jdejja u ma tħallinix nintilef. Miegħek ma nibżax, Beppo.

BUFFU: Tiħux, ħsieb; inżommlok idejk. Hekk, marsusin - tajjeb hekk?

TIFEL: Iva, hekk ma nintilifx.

BUFFU: Tajjeb! U f'din l-id l-oħra - għax jien tnejn għandi idejn, taf? Dażgur - f'din l-oħra nġibu din għal li jista' jkun.

TIFEL: X'tambiha l-umbrella? Mhux se tagħmel xita.

BUFFU: Eh, dik dejjem f'idejja, tifel. Ma mmur imkien mingħajrha.

TIFEL: Dal-għodu wkoll f'dik ix-xemx kollha kienet f'idejk.

BUFFU: Daż-żminijiet qatt ma tista' tgħid meta ser jagħmel jew ma jagħmilx il-maltemp. Ma tafx meta tiġi bżonnha. Dawk hemm fuq jidħku u jiżfnu mingħajr qatt ma jaħsbu għall-kenn. Imma jien le; le jien! Jien *naf*!

TIFEL: X'taf, Beppo?

BUFFU: Naf. Naf li xi darba għad inħossu l-art titheżheż taħt saqajna u riefnu jaħraq jinżel jisloħ l-art - ix-xemx tinħeba f'ġamra aqwa minn tas-Sirju - sħaba sewda titgħawwem fuq in-nirien u tinżel tixtered fuq wiċċ l-art, tniġġeż u toqtol kull ħjiel ta' ħajja li jkun baqa'. Jifdal biss ħofra għerja karbonizzata fejn il-Mewt tiżfen imxajtna, il-minġel tagħha jaħsad mill-mixtla tal-qerda li żera' l-bniedem. Dak li naf jien.

TIFEL: Kemm int għaref, Beppo, taf dawn l-affarijiet kollha. Imma jien xorta ma nafx x'għandu x'jaqsam dan ma' l-umbrella.

BUFFU: Għandu, tifel. Għax għalkemm ħadd ma jrid jiftakar, fuq rasna għandna mdendla x-xabla ta' Damokle - fuq rasna lkoll. U jien biex ma ninsiex nieħu l-umbrella dejjem miegħi.

TIFEL: Imma dik l-umbrella qadima, kollha mraqqgħa u mtaqqba. Dik ma żżommhiex ix-xita.

BUFFU: Sakemm ma tagħmilx ix-xita ma tistax tgħid. U wara kollox, dejjem aħjar mix-xejn. Irid ikollok xi ħjiel ta' kenn - qarrieqi kemm hu qarrieqi - irid ikollok xi wens - imqar bla tama - iżda li jgħinek tkompli triqtek imwiegħra, waqt li tgħarrex is-smewwiet għall-ewwel sħaba sewda li tħabbar il-ħerba.

TIFEL: M'iniex nifhmek, Beppo. Beppo, meta titkellem hekk tfakkarni f'ħuk.

BUFFU: Għandek raġun; kliem bħal dan ma jixraqx fuq fomm il-Buffu. L-aħjar li wieħed jinsa; hekk jew hekk x'nistgħu nagħmlu aħna? Ejja mela, immorru lura ċ-Ċirku, Rumpilstiltskin.

TIFEL: Iva, forsi nsibu l-Mummy u d-Daddy ukoll. Ejja, Beppo!

BUFFU: Ġej, ġej; bil-mod iġġebbidx. Mhux minn hemm se

ngħaddu.

TIFEL: Għaliex mhux minn hawn?

BUFFU: Għax le. Hemm hemm il-gaġġa ta' l-iljuni.

TIFEL: L-iljuni? Kemm nixtieq narahom, Beppo! Ħudni ħdejhom trid?

BUFFU: X'int tgħid? Ħdejhom! Le, hemm le. X'fihom x'tara?

TIFEL: Imma jien irrid narahom!

BUFFU: Għedtlek le. M'hemmx x'tara. Issa ejja miegħi. 'Tini jdejk, isa...

TIFEL: Le, irrid nara l-iljuni!

BUFFU: Le, 'tini jdejk... Ejja 'l hawn!

TIFEL: Ma rridx. Irrid nara l-iljuni. *(Jidħak - jitbiegħed)* Irrid narahom! Ejja lħaqni jekk trid, Buffu!

BUFFU: Le, tkunx ibleh, Rumpilstiltskin. Ejja lura! Ejja lura, John! John!

TIFEL *('il bogħod):* Le u le! Irrid narahom!

*Pawsa*
*Passi resqin imgħaġġlin.*

BUFFU *(jilheġ):* Int - int se tgħallini! Ma smajtnix insejjaħlek? Ejja minn hemm.

TIFEL *(kwiet):* Għaliex? Billi qed inħares lejn l-iljuni? Hemm qegħdin hux, wara dak il-ħadid?

BUFFU *(kiebi):* Hemm qegħdin.

TIFEL: 'Qas jidħru fid-dlam. Kemm huma kwieti.

BUFFU: Kwieti issa - imma hemm qegħdin, taħseb xejn.

TIFEL: X'għedt li jisimhom?

BUFFU: Naga u Hiro. *(Pawsa qasira.)* Ejja, issa rajthom. Ejja mmorru.

TIFEL: Għaliex tibża' daqshekk minnhom, Beppo?

BUFFU: Għaliex? Tistaqsini għaliex? Imma għandek raġun; int għadek żgħir. Ma tiftakarhiex il-ġrajja.

TIFEL: Xi ġrajja?

BUFFU: Ġrajja kerha. Għoxrin sena ilu... Imma ejja mmorru; ngħidhielek darb'oħra.

TIFEL: Le, issa. Għidhieli issa, Beppo. X'ġara għoxrin sena ilu?

BUFFU: Tajjeb, ngħidlek. Imma wara mmorru minn hawn.

TIFEL: Għidhieli.

BUFFU: Madwar għoxrin sena ilu l-iljuni ħarbu mill-gaġġa u niżlu fuq żewġt irħula qrib iċ-Ċirku. In-nies kienu reqdin u l-iljuni għamlu straġi sħiħa minnhom. Irġiel, nisa, tfal, kollha sfaw meqruda bla ħniena taħt snienhom. Ftit kienu li ħelsu mill-qerda, u dawk il-ftit baqgħu mmankati għal għomorhom. Ħerba sħiħa, bla ħniena, u kollox ġara fi ftit sekondi - għoxrin sena ilu. Qed tifhem għaliex nibża' minnhom issa, tifel?

TIFEL: Imma jekk huma feroċi daqs kemm qed tgħid int, kif kien li ma qatluhomx meta reġgħu qabduhom lill-iljuni?

BUFFU: Eh, tistaqsix lili. Dik staqsiha lis-sidien taċ-Ċirku. Jien m'iniex għajr buffu. Naf biss li wara li reġgħu tefgħu l-iljuni fil-gaġġa, ġew ħafna nies, irjus kbar kbar, biex jaraw il-ħsara u l-ħerba li kienu għamlu. Kulħadd beka fuq dawk l-imsejkna li kienu tilfu ħajjithom, u dawk l-istess irjus kbar imbagħad iltaqgħu u ingħaqdu madwar mejda kbira tonda biex jiddeċiedu x'għandu jsir dwar l-iljuni.

TIFEL: U x'għamlu?

BUFFU: Qagħdu jpaċpċu.

TIFEL: Ipaċpċu biss?

BUFFU: Ipaċpċu, eh; imma dak tpaċpiċ, tifel! Mhux kif inpaċpċu jiena u int meta ngħidlek kemm-il darba naħbat rasi jien, taf? Mela! Ipaċpċu b'ħafna ilsna; bl-Ingliż, Franċiż, Russu - b'kull lingwa li hawn fid-dinja! Dak tpaċpiċ! Fl-aħħar imbagħad qatgħuha li l-iljuni ma kellhomx jitħallew jaħarbu aktar. Ħadd iżda ma ssuġerixxa li joqtluhom, min

jaf għaliex? Tefgħuhom minflok f'gaġġa akbar b'ħafna katnazzi u poġġew ukoll gwardjan għassa magħhom. U ħallewhom jgħixu lill-iljuni. B'hekk is-sidien taċ-Ċirku ħasbu li malajr jintesa kollox - jintesew Naga u Hiro u jintesew l-eluf li sfaw maqtulin minnhom. Tintesa l-qirda u jintesew l-iljuni.

TIFEL: Imma int bqajt tiftakar, Beppo. Kemm nixtieq nista' narahom. Qatt ma joħorġu minn dik id-dalma?

BUFFU: Itlob lill-Bambin li le...

IL-GWARDJAN *(jersaq jgħajjat):* Ħoj hemm! X'inhu ġej?

TIFEL: Beppo, min hu dak?

GWARDJAN: X'intom tagħmlu hemm? Min hemm hemm? *(Bejn beżgħan - bejn jhedded)* Se - se niġi għalikom! Min hemm?

BUFFU: Jien - jien u dat-tifel.

GWARDJAN: Int?

BUFFU: Jien. Beppo, il-Buffu.

TIFEL: Beppo, min hu dak in-nanu?

BUFFU: Il-gwardjan ta' l-iljuni. ...Jien Beppo, m'intix tagħrafni, Gwardjan?

GWARDJAN *(leħnu issa qrib):* Beppo? *(Irabbi l-arja)* Il-Buffu! X'inti tagħmel hawn, eh, x'inti tagħmel?

BUFFU: Xejn. Xejn, Sur Gwardjan. Dat-tifel ried jara l-iljuni bilfors. Ġejt nieħdu lura.

GWARDJAN: Eh iva? Ħudu minn hawn mela - imxu! Nispera li ma qagħadx jgħajjeb l-iljuni - dat-tfal kollha hekk! U ma jridu xejn Naga u Hiro biex jitilfu n-ngħas. Mur erġa' raqqadhom imbagħad! Ejjew, isaw, imxuli minn hawn!

TIFEL: Jien m'għajjibthomx. U kieku stess għajjibthom ma kinux jarawni f'dad-dlam!

GWARDJAN: Aħa! Tifel intelliġenti qed nara! Intelliġenti u ibleh imma. Ma jifhimx li min jażżarda jilgħab ma' l-iljuni, ħażin jispiċċa. Ħażin - ħażin ħafna, tifel! *(Jidħak -*

*daħka li togħla, iżżarzar - imbagħad tieqaf ħesrem.)* Oj! Hawn x'qed nara? Min fetaħ il-gaġġa? Il-bieba miftuħa! Il-gaġġa ta' l-iljuni miftuħa! Min fetaħha - min, Buffu?

BUFFU: Mhux aħna! Niżgurak, Gwardjan - mhux aħna!

GWARDJAN: Xi ħadd fetaħha!

BUFFU: Imma mhux aħna! Mhux aħna!

GWARDJAN: Min mela? Għidli Buffu, min?

BUFFU: Ma nafx jaħasra, Sur Gwardjan. Forsi Ozroff - jew Chin Lee. Dawk dejjem lesti jaqilgħu l-għawġ! Mhux aħna imma.

GWARDJAN: Xi ħadd fetaħha - kien min kien! X'ngħidilhom kieku lis-Superjuri tiegħi jekk jistaqsuni? Allaħares insir naf min fetaħha. Allaħares, għax naqbdu, naqbdu u ... naqbdu u... nuriħ jien! Nuriħ!

TIFEL: U x'tagħmillu - nanu bħalek?

GWARDJAN: Hrmmff!! Nagħmillu - nagħmillu mela le, tifel!

*(Tisbita tal-bieba tal-ħadid tal-gaġġa.)*

Dak li nagħmillu! Nispera li ħadd ma jerġa' jiftaħha. Nispera! Il-gaġġa magħluqa trid tkun - dejjem magħluqa. Ħażin jekk ma nsibhiex magħluqa! *(Jidħak f'daqqa)* Dejjem magħluqa! Magħluqa!

*Id-daħk tiegħu jogħla, imbagħad jitbiegħed.*

BUFFU: Tiħux għalih, tifel. Kulħadd miġnun hawn - allavolja m'humiex rashom 'l isfel. Jien għedtlek iżda li ma kellniex x'niġu nagħmlu hawn. Ejja mmorru issa; ma nħalluhx jerġa' jiġi u jsibna hawn. Ejja.

TIFEL: Le, stenna, Beppo! Ħares! Il-gaġġa - il-bieba għadha miftuħa! Mhux veru li għalaqha l-Gwardjan. Sabbatha biss!

BUFFU: Immorru - malajr! Immorru!

TIFEL: Imma Beppo, il-gaġġa għadha miftuħa! Għadha miftuħa!

BUFFU: Tippruvax tifhem,tifel. Kulħadd jaf li l-gaġġa dejjem

miftuħa; jagħżlu li ma jiftakrux iżda. Tabirruħhom ma jafux. Jippruvaw jinsew - jippruvaw kieku. Imma għalxejn - jixxalaw kemm jixxalaw, jiddieħku kemm jiddieħku qatt ma jinsew. Naga u Hiro ma jintesewx.

*Mużika taċ-Ċirku.*

*Lura fil-folla.*

BUFFU: Qatt rajtha sewwa l-folla, Rumpilstiltskin?

TIFEL: Iva, ħafna drabi.

BUFFU: Imma rajtha tassew? Flejtha sewwa? Jekk tħares sew issib xi ħaġa kurjuża - issib li wara kollox m'hemm xejn x'tifli. Ċappa waħda għamja miexja - dejjem miexja. Ħadd ma jara lill-ieħor - ħadd ma jaf lill-ieħor. U dejjem mexjin; tal-ġelati, tal-Luna Park, tas-sold xelin, il-Gwardjan - kollha l-istess ħarsa. Ħarsa ċassa, belhana... Bilħaqq bħal tiegħi, hux tifel?

TIFEL: Iva, kollha l-istess. Ħuk biss mhux bħalhom.

BUFFU: Min?

TIFEL: Ħuk.

BUFFU: M'għandix ħija jien.

TIFEL: U mela m'għandekx! Dak ir-raġel li kien hemm quddiem il-karavana qabel ħriġt int...

BUFFU: Eh, dak! Iva, ħija - dak ħija.

TIFEL: Hu biss m'għandux wiċċu bħal ta' l-oħrajn. Ma jidħakx. Għaliex qatt ma jidħak ħuk, Beppo?

BUFFU: Min jaf? Jista' jkun għax forsi qabel issieħeb maċ-Ċirku kien imdejjaq fid-dar li kien jgħix fiha. Ried jeħles mill-irbit tal-familja, mill-wiċċ imqarras ta' martu, mid-disprezz u t-tmaqdir ta' uliedu. Minħabba l-ġirien ħadd ma kien iħallih idoqq il-vjolin. Fuq ix-xogħol sħabu l-iskrivani kienu għażżenin u jgħaddu ż-żmien bih jarawh jaħdem, waqt li l-Prinċipal stess ma kienx jaħmlu. Fl-aħħar għalhekk ħarab u ngħaqad maċ-Ċirku. Ħaseb li hawn ħadd ma jindaħallu. Miskin kemm mar imqarraq! Kull ma sab hawn

kien li wiċċ il-Mara l-Ħoxna kien wiċċ martu, wiċċ sid iċ-Ċirku kien wiċċ il-Prinċipal u wiċċ sħabu taċ-Ċirku, l-iskrivani. U lanqas hawn ma ħallewh idoqq il-vjolin, għax flok il-ġirien sab il-folla. Tawh minflok it-tambur u ż-żinnannati u ġiegħluh idoqqhom, basta jagħmel ħafna storbju u jiġbor aktar nies. U hekk kif qabel kien jaqla' bis-sieq, hekk wara xorta kompla jaqla' bis-sieq.

TIFEL: Mela għalhekk qalbu sewda miskin. Int mhux bħalu iżda, Beppo.

BUFFU: Le. *(Ferħan)* M'iniex bħalu, le! Għax jien xeddejt il-maskra ta' ħuti l-bnedmin u sirt wieħed minnhom - wiċċ fil-folla. Għalhekk jien mhux bħalu. Il-folla qatt ma tkun imdejqa; ismagħha!

*L-għagħa tal-folla.*

BUFFU: Imma tridx tiekol xi ħaġa, tifel? Tieħu ġelat, jew forsi xi pastizzi?

TIFEL: Ġelati le. Dak tal-ġelati m'għandux ħlief tal-lewż morr. Mhux billi jgħajjat li għandu tal-vanilja u ċ-ċikkulata.

BUFFU: Stramba l-biċċa, hux? jien li nħobb tal-lewż morr qatt ma nsiblu ħlief tal-vanilja. Imma ara, tridx nixtru nofs tużżana pastizzi. Tassew li qatt ma tista' tgħid humiex ta' l-irkotta jew tal-piżelli, imma talanqas taqta' l-ġuħ. Trid nixtru, għid? *(Pawsa qasira)* Lilek qed inkellem, tifel! Hii, kemm tħobb tiskanta, x'waħda din!

TIFEL: Imma ħares, Beppo! Dawk it-tnejn qed tarahom? Dawk huma!

BUFFU: Huma min?

TIFEL: Iva huma! *(Isejjaħ)* Mummy! Daddy!

BUFFU: Fejnhom?

TIFEL: Hemm, ħdejn dak tat-tfiegħ taċ-ċrieki... Mummy! Daddy!

RAĠEL TAT-TFIGĦ TAĊ-ĊRIEKI: Żewġ xelini tlieta! Żewġ xelini tlieta! Ejjew uru ħilitkom! Pupu kbir tal-lasktu għal

min iġib iċ-ċirku fin-nofs. B'żewġ xelini tlieta! Żewġ xelini tlieta!

TIFEL: Mummy! Daddy! Fejn kontu, kemm fittixtkom?!

RAĠEL: Haw' - haw', ej! X'inhu ġej? Ara fejn timxi, trid? Għal daqsxejn ma tfajtnix fuq marti!

TIFEL: Imma Daddy, fejn kontu?

RAĠEL: Ar'hemm għedtlek!

MARA: Dat-tifel xi jrid, Ġorġ? Eħles minnu.

RAĠEL: Iva, ħanini. *(Lit-TIFEL)* Ejja. Ibqa' għaddej, tifel - dil-frattarija kollha!

TIFEL: Imma, Pa - Ma! M'intomx tagħrfuni? Jien Johnny - Johnny tagħkom!

MARA *(tidħak):* Johnny? Min hu, Johnny?

TAĊ-ĊRIEKI: Żewġ xelini tlieta, ħej! Żewġ xelini biss! *(Lit-TIFEL)* Ibqa' miexi, "boy" - qed tgerrixli n-nies! Imxi!

TIFEL: Imma, Mummy!...

MARA: Qatt ma rajtek f'għomri; lilek min jafek?

TIFEL *(imbikkem):* Imma jiena Johnny!...

RAĠEL: Ara, int xejn għax isa dejjaqtni! Ibqa' sejjer, trid? Għarukaża!

TIFEL: Daddy!

RAĠEL: Tagħtix kasu, ħanini - fl-aħħar jiddejjaq. Dawn hekk trid tagħmillhom - turihom li m'intix tagħti kashom.

MARA: X'kull waħda wkoll! Bħal xejn mhux jaħseb li qed niggustawh!

TIFEL: Imma jien Johnny! Jien Johnny, Mummy!

TAĊ-ĊRIEKI: Pupu tal-lasktu! Min jirbaħ pupu tal-lasktu, ħej! Żewġ xelini tlieta! - Għadek hawn int? Żul min-nofs għedtlek, tifel! Ejja, imxili - U intom, sinjuri? Tidħlulha? Żewġ xelini biss.

MARA: U iva, Ġorġ; ipprova. X'titlef?

RAĠEL: Iva, ħanini. 'Tini tlieta jekk jogħġbok.

TAĊ-ĊRIEKI: Tlieta għalik, sinjur!

TIFEL: Imma Daddy! Mummy! Jiena Johnny!...

TAĊ-ĊRIEKI: Ejjew, sinjuri! Pupu tal-lasktu! Pupu tal-lasktu! *It-tmasħir tad-daħk tiegħu jidwi u jitħallat ma' l-għagħa tal-folla.*

TIFEL *(jolfoq.)*

BUFFU: Ħadt żball, Rumpilstiltskin. Ma kinux huma. M'hemmx għalfejn tibki, isa. Żball, dak kollox.

TIFEL: Ħadt żball iva. Ma... ma kinux huma. Il-Mummy u d-Daddy tiegħi m'humiex bħal dawk. Iħobbuni lili. Iħobbuni ħafna.

BUFFU: Iva, dażgur li jħobbuk, u mela le! Tibżax - issa nsibuhom; issa tara kif insibuhom. Xi mkien hawn iridu jkunu. Ejja nfittxuhom.

TIFEL: Le. Xbajt indur. Irrid immur lura.

BUFFU: 'Ġà ddejjaqt? Hawn tant logħob…

TIFEL: Iddejjaqt. Immorru lura fil-karavana tiegħek, trid Beppo? Ma rridx infittixhom iżjed il-Mummy u d-Daddy. Isibuni huma jekk iridu. Irrid nibqa' miegħek, Beppo - miegħek biss.

*Mużika taċ-Ċirku.*
*Tinżel bil-mod u titħallat mad-daqq tal-vjolin.*

TIFEL *(eku):* U l-Buffu ħadu miegħu lura fil-karavana. Ma riedx jaf b'li jmur lura d-dar. Għalhekk il-Buffu daħħlu fil-karavana u tah is-sodda tiegħu. Wara li geddsu sewwa fil-friex u xxuttalu l-biki minn xfar għajnejh, sa fl-aħħar it-tifel tbissem.

BUFFU: Hekk - orqod issa, Rumpilstiltskin. Tibżax. Fil-għodu nsibuhom il-Ma u l-Pa. Orqod issa.

TIFEL: M'għandix ngħas issa, Beppo. Doqqli xi ħaġa trid?

BUFFU: Imma t-tanbur u z-zinnannati żgur ma jħallukx torqod imbagħad.

TIFEL: Doqqli b'dak mela.

BUFFU: B'dan? Bil-vjolin?

TIFEL: Iva, b'dak.

BUFFU: Imma dak mhux il-Buffu jdoqqu, Rumpilstiltskin. Dak ta' ħija.

TIFEL: Mela għid lil ħuk jiġi. Idoqqu hu.

BUFFU: Trid lilu? Tajjeb. Ngħidlu jiġi mela. Jieħu gost jarak ġejt lura, ikun jaf li xi ħadd iridu. Int agħlaq għajnejk issa. Tiftaħhomx qabel ma tisma' d-daqq tal-vjolin, fhimt?

TIFEL: Fhimt, Beppo. Qed nagħfashom għajnejja. Ma niftaħhomx.

BUFFU: Bravu. Issa stenna - stenna ftit.

*Pawsa.*

*Jibda d-daqq tal-vjolin.*

TIFEL: It-tifel bexxaq għajnejh. Ħu Beppo kien qiegħed bil-qiegħda f'tarf is-sodda jħares lejh, f'idejh il-vjolin jgħanni. F'kollox kien jixbħu lil Beppo, ħlief f'wiċċu - wiċċ għajjien, għajnejn miksurin, b'ħarsa ta' diqa mnaqqxa fuqu.

*(L-għana tal-vjolin.)*

Qagħad jisma' t-tifel il-bikja tal-vjolin, l-istess bikja li kienet nibtet f'qalbu malli daħal fiċ-Ċirku. Beppo ma kien jidher imkien, iżda l-umbrella tiegħu kienet għadha hemm, fuq banketta, u taħtha xi ħaġa oħra, magħmula nofs tond; xi ħaġa ħamra b'xagħar twil iswed ileqq b'elf kulur.

TIFEL: X'inhi dik?

*Il-vjolin jieqaf.*

BUFFU: Liema?

TIFEL: Dik t'hemm taħt,

BUFFU: Din? L-umbrella ta' Beppo. Tibżax, mhux bogħod minn hawn Beppo.

TIFEL: Imma dik ta' taħtha x'inhi?

BUFFU: Għall-maskra qed tgħid?

TIFEL: Maskra? Ħa naraha.

*It-Tifel u Beppo: Catherine Bartolo Pulis u John Suda. (MTV - 1972, produzzjoni Albert Marshall.)*

*Raġel tat-Tfigħ taċ-Ċrieki,*
*ir-Raġel u l-Mara:*
*(Joe Zammit Cordina,*
*Alfred Mallia u Marlene*
*Psaila - MTV 1972.)*

BUFFU: Mhux aħjar torqod, Rumpilkstiltskin? Int għajjien...

TIFEL: Jien Johnny jisimni. Irrid naraha.

BUFFU: Kif trid. Imma mbagħad orqod. Hawn - tagħrfu dak il-wiċċ?

TIFEL: Beppo! Dak wiċċ Beppo! Fejn hu Beppo?!

BUFFU: Beppo mar għalissa. Imma tibżax, mhux bogħod minn hawn. La ħalla l-umbrella warajh, ma jdumx ma jiġi.

TIFEL: Imma int żgur?

BUFFU: Ma jmur imkien mingħarjha. Jiġi tibżax. Malli tgħidli, insejjaħlu u jiġi. Imma ħu ħsiebha dik il-maskra. Tihieli ħa nerfagħha, ara.

TIFEL: Ma nistax inżommha ftit?

BUFFU: Tajjeb, żommha. Imma ħu ħsiebha; mingħajrha Beppo ma jkunx jista' jerġa' jiġi. Issa pprova orqod. Agħlaq għajnejk - hekk. Orqod. Il-lejl it-tajjeb.

TIFEL *(jitniegħes):* Il-lejl it-tajjeb.

*Waħdu fil-ħemda, il-vjolin jgħanni fit-tul.*

TIFEL: U t-tifel għalaq għajnejh u raqad. Iżda d-daqq tal-vjolin ħadu miegħu fil-ħolm, tul il-lejl kollu.

*(Vjolin.)*

Iżda ma' l-ewwel dawl griż taż-żerniq, hekk kif l-imrieżaq bikrija tax-xemx bierda laqtu t-tinda l-kbira, il-għana tal-vjolin beda jnin bil-mod il-mod - sakemm waqaf għal kollox.

*Pawsa. Ħemda.*

TIFEL: It-tifel fetaħ għajnejh. Kien waħdu - il-karavana battala. Il-vjolin kien sieket fuq il-banketta ħdejh l-umbrella. F'idu iżda kien għadu jhaddan il-maskra u t-tifel ftakar f'Beppo. Ħares lejn l-umbrella - Beppo ma kienx 'il bogħod.

*(Isejjaħ)* Beppo! Beppo, fejn int?

...Għajjat it-tifel. Minnufih il-bieb tal-karavana tbexxaq bil-mod. Beppo kien semgħu; kien ġej.

*Bieb jinfetaħ b'tisbita.*

CHIN LEE *(jidħak)*

TIFEL: Ma kienx Beppo! Kien raġel qsajjar, wiċċ isfar, għajnejh dojoq miġbudin 'il fuq, xagħar lixx mixħut lura mill-qurriegħa u magħmul f'beżbuża twila sa nofs dahru u marbuta b'ċoff aħmar.

CHIN LEE *(jidħak)*

TIFEL *(beżgħan):* Beppo! Beppo!

CHIN LEE: Għalxejn issejjaħlu lil Beppo! Għalxejn! Beppo ma jeżistix! Beppo qatt ma kien!

TIFEL: Xi trid? Tersaqx lejja! Beppo!

CHIN LEE: Sejjaħlu - sejjaħlu! Imma għalxejn!...

TIFEL: Beppo!

CHIN LEE: Trid lil Beppo? Imma Beppo hemm hu arah - f'idejk! Dak kull ma hu Beppo; maskra kkulurita, biċċa kartapesta u ftit tiben; dak hu Beppo tiegħek, tifel. Dak hu! Maskra bħalna lkoll! U issa - issa Beppo jpattiha. Ma' Chin Lee ħadd ma jiċċajta - lanqas Buffu. Ġibha 'l hawn! Ġibha dik il-maskra!

TIFEL: Le! Dik ta' Beppo! Tersaqx lejja!

CHIN LEE: Ġibha qed ngħidlek! Ġib!

*Jgħajjat bil-ferħ hekk kif jaħtafha.*

TIFEL: Ħalliha! Ħalliha!

CHIN LEE: Ġibha 'l hawn, mela! Chin Lee qatt ma jinsa - Chin Lee qatt ma jaħfer. Beppo ma messux mar jgħid li jien ftaħtha l-gaġġa ta' l-iljuni! Dik gidba! Mhux jien ftaħtha! U issa pattejthielu! Chin Lee qatt ma jaħfer!

TIFEL: Ħalliha! Dik ta' Beppo! Tiħieli!...

CHIN LEE: Ta' Beppo! Tibżax, Beppo qatt iżjed ma tarah! Qatt iżjed! Beppo qatt ma kien! Qatt - qatt - qatt!

*Ifaqqa' daħka wara l-oħra. Jitbiegħed.*

TIFEL: Beppo! Beppo!

*Bieb tal-karavana jinfetaħ.*

BUFFU: X'ġara tifel dal-għajat? X'inqala'?

TIFEL: Chin Lee! Dak ir-raġel li seraqli l-maskra - il-maskra ta' ħuk! Seraq il-maskra ta' Beppo!

BUFFU: Chin lee?

TIFEL: Hemm hu, arah! Dak li sejjer jiġri... Żommuh!

BUFFU: Imma dak - dak sejjer lejn il-gaġġa ta' l-iljuni!

TIFEL: Mur ilħqu! Mur ħudlu l-maskra! Seraqhieli! Ħemm hi, araha, għadha f'idejh!

BUFFU *(beżgħan):* Sejjer ħdejn l-iljuni!

CHIN LEE *('il bogħod - jgħajjat):* Maskra ta' Buffu - Maskra ta' Buffu! Min iridha jmur għaliha!... Fil-gaġġa ta' l-iljuni! *(Jidħak)* Fil-gaġġa ta' l-iljuni!

TIFEL: Tefagħha! Tefagħha! X'se nagħmlu issa?!

BUFFU: Imsejken Beppo.

TIFEL: Imma x'se nagħmlu issa? Kif se nġibuha lura?

BUFFU: Inġibuha lura? Kif nistgħu? Fil-gaġġa ta' l-iljuni ma nistgħux nidħlu.

TIFEL: Imma l-gaġġa dejjem miftuħa. Kemm nidħlu u...

BUFFU: Nidħlu? Nidħlu ħdejn Naga u Hiro? Int ibleh, tifel! Hemm ġew ħadd ma jidħol u joħroġ ħaj!

TIFEL: Int tibża'! Imma la jiġi Beppo jmur hu għaliha.

BUFFU: Le - ifhimni, tifel. Ħadd ma jidħol hemm ġew. Kulħadd jibża' - ukoll Beppo. U fuq kollox issa Beppo ma jista' qatt iżjed jiġi lura. Bla maskra ma jkunx Beppo.

TIFEL: Qatt ma jiġi - qatt ma narah!? Kif qal Chin Lee?!...

BUFFU: Kif jista' jiġi u juri wiċċu bla maskra lill-folla? Ma jkunux iriduh mingħajrha. Le, tifel - kellu raġun Chin Lee. Beppo ma jiġix aktar. Issa baqa' ħuh biss - jiena. U lanqas jien ma se ndum wisq hawn. Rajt biżżejjed il-ferħ imqanżaħ taċ-Ċirku - smajt biżżejjed id-daħk belhani tal-kotra. Nerfa' l-vjolin u l-umbrella u nerġa' nitlaq mnejn ġejt...

TIFEL: Tfittex lil Beppo?

BUFFU: Forsi...

TIFEL: Imma Beppo hawn jiġi! Jiġi lura żgur! Inġibhielu lura l-maskra. Insibu 'l xi ħadd jidħollu għaliha hu.

BUFFU: U min jimpurtah jekk Buffu jiġix lura jew le? Riduh biss biex jagħtuh bis-sieq, jiddieħku bih u jgħinhom jinsew. Iżda lanqas għalhekk ma kien tajjeb. Skartawh. Le, aqta' jiesek, ċkejken. Mur - mur sib lil ommok u missierek. Insieh lil Beppo.

TIFEL: Le! Beppo jiġi lura!

BUFFU: Għedtlek, Beppo mar. Kien biss ħolma f'lejla sajfija ta' bluha. Mur issa, tifel. Min jaf x'tistenniek il-Mamà. Iċ-Ċirku wasal biex jagħlaq. Jien ukoll sejjer. Ngħid lis-sidien taċ-Ċirku li sejjer u nitlaq. Mur int ukol, tifel, isa. *(Pawsa qasira)* Ma tridx? Se toqgħod hawn? Tajjeb, stennieni hawn mela, ara. Issa ngħidilhom li sejjer u mbagħad nieħdok id-dar. Stennieni hawn.

*Pawsa.*

TIFEL: Ir-raġel xwejjaħ li kien qisu Beppo u ma kienx Beppo - ir-raġel xwejjaħ li kien ħu Beppo u ma kienx Beppo - mar. Imma t-tifel ma stenniex. Lil Beppo biss ried. Ħares it-tifel lejn il-ponn mgħaffeġ ta' xagħar ikkulurit li kien baqa' mill-maskra. U kien jaf it-tifel kif iġibu lura lil Beppo - kien jaf fejn isibu.

*Togħla bil-mod il-mużika issa għajjiena taċ-Ċirku.*

*Tkarwit ta' l-iljuni.*

TIFEL: Tul il-lejl kollu ma kinux raqdu l-iljuni. Ix-xemx tgħarrex wara x-xefaq sabithom jistennew, iduru bla heda mal-gaġġa - jistennew, taħt saqajhom il-maskra mgħaffġa ta' Buffu. U t-tifel riesaq lejn il-gaġġa, għalkemm kien għadu ma rahomx 'ġà kien sema' leħinhom imgħaddab jitħallat mad-daqq għajjien taċ-Ċirku issa qed jitbattal. Ħadd iżda ma ta każ tat-tifel bl-umbrella ta' Beppo ħdejn il-gaġġa ta' l-iljuni.

*Tkarwit dejjem għola ta' l-iljuni*

TIFEL: B'id soda it-tifel bexxaq il-bieba tal-gaġġa. U waqt li folla qatt xebgħana kompliet tilgħaq l-aħħar qtar tal-bluha taċ-Ċirku, it-tifel daħal.

*Bieba tal-ħadid iżżaqżaq hekk kif tinfetaħ.*

*L-iljuni.*

BUFFU *(isejjaħ):* Rumpilstiltskin, fejn int? Johnny! Johnny! *(Imwerwer)* JOHNNY, LE! Żommuh - ħalluhx! Oħroġ minn hemm, Johnny! Johnny!...

*Spluzzjoni ttarrax ta' tkarwit feroċi ta' l-iljuni. Tidwi u tidwi.... Daħk sfrenat mill-folla jitħallat ma' mużika bla rażan. Bil-qajla l-qajla jitbaxxew il-ħsejjes sa ma tibqa' biss xi ftit mużika 'l bogħod.*

*Għagħa ta' miġemgħa żgħira. Żaqżiq tal-bieba tal-ħadid.*

GWARDJAN: Żommu lura, sinjuri! Żommu lura jekk jogħġobkom!

BUFFU *(imbikkem):* Rumpilstiltskin. Għaliex - għaliex? Għal dil-biċċa kartapesta mtertqa u ftit tiben imberfel? Għal dan, Rumpilstiltskin? *(Jolfoq)*

BUFFU: Beppo hawn hu, Rumpilstiltskin. Hawn jien arani. Issa tagħrafni, Rumpilstiltskin? Le - Rumpilstiltskin ma jagħraf lil ħadd iżjed issa. U din l-umbrella ma tiswa xejn wara kollox. Kellek raġun int, Rumpilstiltskin - ma kienet tiswa xejn fis-siegħa tat-twegħir. Imma x'jiswa li tagħraf it-twegħir jekk minnu kenn ma hemmx?! Għiduli intom, x'jiswa? - intom li t-twegħir tabirruħkom ma tagħrfuhx?!

RAĠEL FIL-FOLLA: Jaqaw int Beppo? Int missieru?

BUFFU: Għiduli x'jiswa? Aħjar li ma tagħraf qatt xejn!

RAĠEL FIL-FOLLA: Isma sieħeb, jien nikkumpatik, imma jidhirli li missek ħadt ħsieb aħjar ta' ibnek. Anqas ħaqq l-inkwiet li taqla' 'l ħaddieħor.

GWARDJAN: Hekk hu, sewwa qed tgħid, sinjur! Jien rajthom l-ewwel ħdejn il-gaġġa - għedtilhom li l-iljuni m'għandhomx xi jriduhom - widdibthom biex ma jifthux

il-gaġġa. Widdibthom jien! Ħadd ma jista' jgħid li ma wissejthomx! Jien ma kellix x'naqsam! Jien mhux risponsabbli!

*Għagħa tan-nies.*

GWARDJAN: Imma ibqgħu mexjin, sinjuri. Jekk tinġabru hawn se tqum għagħa sħiha. Wara kollox ħadd ma jista' jgħinu 'l dak il-povru tifel. Ibqgħu mexjin! Imxu jekk jogħġobkom. Kemm jista' jkun tqajmux paniku - hekk jew hekk ħadd ma jieħu gost jisma' bl-inkwiet. Ibqgħu mexjin jekk jogħġobkom.

BUFFU: Iva, sinjuri - x'intom tiċċassaw? Ibqgħu mexjin! Għala titnikkru? Għoddsu raskom fir-ramel bħan-nagħma u nsew. Ma ġara xejn; ibqgħu mexjin! Ma ġara xejn!

GWARDJAN: Imxu, imxu! Imma għidulhom; jien ma kellix x'naqsam. Għidulhom ma' min tiltaqgħu; mhux ħtija tal-Gwardjan! Jien ma kellix x'naqsam.

*Mużika taċ-Ċirku. Il-folla.*

MARA *(tidħak)*

RAĠEL *(l-istess):* Kieku bqajt hemm kont immut bid-daħk jaħasra!

MARA: ...X'kull waħda wkoll! (*Tidħak)* U fejn baqa' dak it-tifel; ma rajtx wiċċu.

RAĠEL: Tassew. Jieħu gost meta jara dal-pupu. Domna s-sigħat biex irbaħnieh.

MARA: U int infaqt flus fuq dik il-logħba wkoll!

RAĠEL: Kieku ma qgħadtx tikkritika u tfixkilni kont nirbaħ mill-ewwel. Għedtlek, kienet biss kwistjoni ta' bilanċ u mira.

MARA: L-aqwa li rbaħna. Jieħu gost meta jarah Johnny. Imma fejn mar dak l-imbierek? Jekk ma mbukkajtx riħ wara kollox. Nispera mhux se jdewwimna nfittxuh, ja m'għarraq l'hu. Ara tarahx trid, Ġorġ?

RAĠEL: Xi mkien hawn irid ikun. *(Isejjaħ):* John! Johnny!

*Il-folla.*

BUFFU: Morru! Sejħulu! Fittxuh fil-kotra - fittxu l-qamar fil-bir! Fittxuh lil Johnny tagħkom imma ma ssibuhx żgur fejn hu qatt ma kien!

LEĦEN FUQ IL-LOUDSPEAKER: B'xejn, sinjuri! *Entez Mesadmes et Messieurs! Entrez!* Nistidnukhom tidħlu lkoll u merħba bikom fil-familja kbira tagħna! Qatt ma rajtu xejn isbaħ - xejn aqwa!

BUFFU: Xejn isbaħ! - Xejn aqwa! Ejjew mela; ejjew! Ħalluhom ixeddulkom is-sarima tal-folla. Idħku u xxalaw biex tinsew gaġġa ta' l-iljuni dejjem miftuħa! X'jimporta jekk taħt difrejhom jaqa' tfajjel xi darba jew oħra? L-aqwa li nkomplu niżżuffjettaw, il-maskra ssikkata ma' wiċċna tostrilna l-waħx. Fil-għaxija iżda, meta tmorru lura lejn djarkom, imħaddnin ma' sidirkom ma ssibux ħlief pupi kbar tal-lasktu! Pupi! Pupi tal-lasktu!

*Krexxendo ta' mużika u daħk tal-folla sa ma leħen IL-BUFFU jinbela' għal kollox u l-għagħa taċ-Ċirku weħedha tibqa' tidwi, tidwi u tidwi...*

**TMIEM**